MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 483/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Michael Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u sebghin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (LM2,970.91,0), liema somma hija dovuta in rifuzjoni ta' somma bilancjali ta' flus avanzati b'titolu ta' self (loan account) bin-numru : 012028189-300 oltre l-imghaxijiet legali mill-1 ta' April tas-sena 2004, sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 26 ta' Novembru tas-sena 2003 u l-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-1 ta' Marzu tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------